MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1348/2002/1

**SMS INSURANCE AGENCY LIMITED bhala rappresentanti Tas-socjeta estera Ecclesiastical Insurance Office plc, surrogata fid-Drittijiet tal-assikurat taghha Mario Debono**

**vs**

**ANTHONY ALBANESE u b'digriet tal-24 ta' Gunju 2002, giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza is-socjeta Middle Sea Insurance plc.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' erba' mija u sbatax-il lira Maltin u hames centezmi (Lm417.05) rappresentanti danni ikkagunati f'incident stradali li sehh f' San Giljan nhar it-30 ta' Lulju 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-mutur SDB111, habat fil-vettura KRD591 misjuqa minn Mario Debono ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-7 ta' Dicembru 2001 u dawk ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz a tenur ta'l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut.

Ra li ghalkemm gie notifikat bl-avviz tat-talba fil-11 ta' Gunju 2002, l-konvenut baqa' ma ipprezentax ir-risposta tieghu fit-terminu moghti mil-ligi.

Ra d-digriet tal-24 ta' Gunju 2002 fejn is-socjeta Middle Sea Insurance plc bhala is-socjeta assikuratrici tal-konvenut giet awtorizzata sabiex tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*.

Ra r-risposta tas-socjeta intervenuta fil-kawza fejn gie ecceppiet illi l-incident mertu tal-kawza ma sehhx b'tort tal-konvenut, izda minhabba traskuragini, imperizja u negligenza da parti ta' Mario Debono, l-assikurat tas-socjeta attrici u dana b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lilha skond il-ligi.

Ra d-dokumenti esebieti a fol.4 sa 16 ta'l-atti processwali konsistenti fir-rapport tal-pulizija u l-iskizz ta'l-incident, kif ukoll kopji tal-fatturi rigward hlasijiet li saru ghat-tiswija tal-vettura assikurata mas-socjeta attrici.

Sema' x-xhieda ta' l-ispettur Kevin Farrugia, li esebixxa ir-road accident report, ix-xhieda ta' Mario Debono, Frances

Debono u Mariano Farrugia u tal-konvenut Anthony Albanese u Stephen Ritchie.

Sema' it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-incident sehh fil-bajja ta' San Giljan, meta il-vettura misjuqa mill-assikurat tas-socjeta attrici, Mario Debono, intentat iddur lejn il-bar ta' Saddles biex tmur lejn Regional Road. F'dan il-mument sehhet il-kollizzjoni ma' mutur li kien misjuq mill-konvenut u li kien gej mid-direzzjoni tal-Balluta.

Illi l-ispettur Kevin Farrugia kien mar fuq il-post ta'l-incident u hejja l-iskizz u ir-rapport relattiv li huwa ezebixxa fil-kors tax-xhieda tieghu, bhala Dokument MCC1. Huwa ighid illi l-incident sehh gewwa Triq George Borg Olivier San Giljan. Huwa ighid illi il-verzjoni moghtija mis-sewwieqa hija dik illi huwa nizzel fir-road accident report u peress illi ghaddew 'il fuq minn sentejn huwa ma setax jiftakar mill-memorja l-incident mertu tal-kawza.

Illi s-sewwieq tal-vettura involuta fl-incident u cioe' Mario Debono ighid illi dak in-nhar li sehh l-incident huwa kien gej mid-direzzjoni ta' Paceville niezel lejn il-bajja ta' San Giljan. Huwa ried idur biex jitla it-tela' li tiehu lejn Regional Road. Ghalhekk, kif wasal fil-bajja, waqqaf u xeghel l-indicator. Jiftakar illi warajh kien hemm karozza tal-linja. Hekk kif kien wieqaf jistenna biex idur, gie mutur mid-direzzjoni ta' Tas-Sliema u baqa' diehel fih. Jikkonferma illi fil-mument tal-habta huwa kien wieqaf u ma rax il-mutur gej ghal fuqu.

Flimkien mas-sewwieq kien hemm zewg passiggiera li ukoll taw il-verzjoni taghhom ta' kif sehh l-incident. Mariano Farrugia kien rikeb fis-seat tal-passiggier fil-vettura misjuqa minn Mario Debono. Ighid illi kif wasslu fil-bajja ta' San Giljan, is-sewwieq waqqaf ftit 'il boghod mill-ghassa tal-pulizija biex iduru 'il fuq ha jaqqbdu it-telgha ta' Regional Road, xeghel l-indicator u stenna sabiex ighaddi it-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Ighid illi f'dak il-

mument kienet ghaddejja karozza tal-linja, allura is-sewwieq kien qieghed wieqaf jistennieha  tghaddi. Hekk kif ghaddiet il-karozza tal-linja figg il-mutur warajha li baqa’ gej dritt ghal fuq il-vettura taghhom. Ighid illi l-ewwel darba lli lemah il-mutur kien ftit sekondi wara li ghaddiet tal-linja. Jispjega illi t-traffiku baqa’ ghaddej b’mod regolari wara li sehhet il-kollizzjoni. Meta huma ippruvaw ikellmu lis-sewwieq tal-mutur ighid illi huwa ma tahomx cans ghaliex beda jirrabja. Jikkonferma illi Mario Debono kien xeghel l-indicator qabel ma dar. Dana seta’ jikkonstatah peress illi kien riekeb hdejh bhala passiggier. Ighid illi il-vettura kienet kompletament wieqfa fil-karreggjata tat-traffiku taghha meta sehh l-incident. Wara li ghaddiet il-karozza tal-linja, is-sewwieq u cioe’ Mario Debono ma lahaqx saq ghaliex f’temp ta’ ftit sekondi sab il-mutur mieghu. Mart l-assikurat tas-socjeta attrici Frances Debono kienet bilqieghda fuq is-seat ta’ wara. Hija tghid illi l-vettura kienet fi Triq George Borg Olivier, wieqfa bl-indicator mixghul tistenna biex iddur lejn it-telgha li tiehu ghal Regional Road. Hekk kif kienet wieqfa gie mutur u baqa diehel dritt fiha. Il-mutur kien gej mid-direzzjoni ta’ Tas-Sliema u minflok ma kiser il-liwja li kien hemm baqa’ gej dritt ghal fuqhom. Hija tghid illi rat il-mutur gej ghal fuqhom bi speed qawwi. Tikkonferma illi l-incident sehh f’temp ta’ ftit sekondi ghaliex hekk kif zewgha waqqaf, il-mutur baqa’ gej dritt ghal fuqhom. Tikkonferma illi fil-fatt zewgha kien waqqaf ghaliex kienu gejjin vetturi mid-direzzjoni l-opposta u huwa kien qieghed jistenna biex ihallihom ighaddu qabel ma idur. Ezatt kif huwa waqqaf u ghaddew dawn il-karozzi, il-mutur baqa’ gej dritt ghal fuqhom. Hija tghid illi fil-parti tat-triq minn fejn kien gej il-mutur hemm liwja zghira, izda is-sewwieq tal-mutur ma hax din il-liwja izda baqa’ gej dritt ghal fuqhom

Il-konvenut ta l-verzjoni tieghu ta’ kif sehh l-incident u ighid illi huwa kien gej mid-direzzjoni tal-Balluta sejjer lejn San Giljan, bil-mutur SDB111. Hekk kif wasal quddiem il-bar “Saddles”, ighid illi ra l-vettura ta’ Mario Debono wieqfa f’nofs ta’ triq fuq il-karreggjata l-opposta. Ezatt kif wasal vicin din il-karozza, hija hadet skoss ‘il quddiem u laqtitu fuq il-lemin tieghu u huwa tar minn fuq il-mutur. Peress illi huwa kien libes shorts, mad-daqqa waqa’ fuq il-

mutur stess fuq ir-rota in-naha ta’ wara u b’hekk haraq kuxtejh kollha. Il-mutur waqa’ ma’l-art u waqaf xi tmien piedi ‘il boghod mill-vettura ta’ Mario Debono. Ighid illi huwa kien ghaddej b’velocita ta’ bejn hames u tmien mili fis-siegha peress illi kien irrallenta stante illi kienet gejja kurvatura. Ighid illi traffiku quddiemu ma kienx hemm u fl-ebda mument ma invada il-kerreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Wara giet l-ambulanza u baqa sejjer l-isptar. In kontro-ezami ighid illi bejn il-vettura ta’ Debono u il-bankina fuq in-naha tieghu kien hemm distanza ta’ zewg vetturi u ghalhekk huwa ikkalkula li seta’ ighaddi sew, pero’ ghadda vicin il-vettura li kienet wieqfa. Ighid illi kien Debono li kien qieghed jaghmel il-manuvra biex jaqsam il-karreggjata tieghu u mhux vice-versa u li hu dejjem baqa’ fuq in-naha tieghu tat-triq, u li kien Debono li kien wieqfa fil-karreggjata tieghu. Jikkonferma illi l-ewwel darba li ra il-vettura ta’ Debono hija kienet wieqfa u dana madwar ghoxrin pied ‘il boghod minn fejn kien. Huwa lanqas zamm brejk ghaliex ma basarx illi l-vettura ta’ Debono kienet ser taghmel xi manuvra.

Xhud okulari, Stephen Ritchie kien qieghed bil-qieghda fil-parapett tal-bar “Saddles” jiehu kafe’, meta sehh l-incident. Dan ix-xhud okulari lanqas biss gie indikat fir-road accident report tal-pulizija, izda gew indikati xhieda ohra li ma tressqux jixhdu mill-konvenut. Ritchie ighid li kien qieghed bil-qieghda wiccu ihares lejn it-triq. Huwa ighid illi ra il-mutur tal-konvenut ghaddej minn quddiem il-bar, idur mal-liewja li hemm f’dak il-punt tat-triq. Ighid illi f’daqqa wahda nizzlet karozza u laqtitu fuq in-naha ta’ wara tal-mutur li baqa’ idur fl-art. Minhabba f’dan l-konvenut kien garrab griehi f’saqajh. Huwa ighid illi l-ewwel darba li lemah il-vettura ta’ Debono din kienet niezla mid-direzzjoni ta’ San Giljan u ighid illi ma jidhirlux illi din il-vettura kienet f’xi mument wieqfa qabel il-habta. L-incident sehh f’lehha ta’ berqa u ma kienx hemm hin biex din il-vettura tieqaf.

Ikkunsidra

Illi mill-atti processwali jidher illi x-xhieda kollha, hlief ghal Stephen Ritchie jaqqblu illi l-vettura ta’ Mario Debono

kienet wieqfa qabel ma sehh l-impatt. Din il-vettura kienet qed tistenna biex taqsam Triq George Borg Olivier sabiex iddur lejn it-telgha li tiehu ghal Regional Road. Mill-konfigurazzjoni tat-triq irrizulta illi qabel il-parti fejn sehh l-incident mid-direzzjoni ta' Balluta lejn San Giljan hemm liwja fit-triq. Il-konvenut kien gej mid-direzzjoni ta' din il-liwja. Inoltre fil-parti fejn sehh l-incident it-triq hija piuttost wiesgha li tippermetti l-vetturi ighaddu komodament fiz-zewg karreggjati. Jidher ukoll illi fil-mument tal-habta l-mutur tal-konvenut, kien qieghed jinsaq vicin hafna l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta illi hemm konfliggenza sostanzjali bejn il-verzjoni moghtija mill-parti attrici u dik moghtija mill-konvenut. Dan qieghed jinghad ghaliex filwaqt illi ix-xhieda prodotta mis-socjeta attrici jikkontendu illi l-vettura misjuqa minn Debono kienet wieqfa qieghda tesplora it-triq biex taqsam l-istess halli titla' lejn Triq Regjonali u f'temp ta' ftit sekondi gie il-mutur tal-konvenut dritt ghal fuqhom, il-konvenut min-naha tieghu jallega illi l-vettura misjuqa minn Debono kienet wieqfa fil-karreggjata fejn kien qed isuq hu u hekk kif ghadda minn hdejh din il-vettura hadet skoss 'il quddiem u laqtitu.

Illi ghandu jinghad illi hadd mill-kontendenti madanakollu ma hu qieghed jikkontesta l-iskizz maghmul mill-Ispettur Kevin Farrugia li ikkonferma bil-gurament illi ir-*road accident report* u l-iskizz saru minnu dak in-nhar stess ta'l-incident. It-Tribunal ghalhekk fid-dawl tax-xhieda prodotta, bil-fors irid jaghti certu pis lill-iskizz maghmul mill-Ispettur Farrugia ghaliex jirrifletti l-posizzjoni tal-vetturi ma'l-impatt. Mix-xhieda fil-fatt johorg car illi l-vettura misjuqa minn Debono ma gietx spustjata mad-daqqa, filwaqt illi l-mutur misjuq mill-konvenut inqelgheb ma'l-art u baqa' idur u waqaf madwar tmien piedi 'il boghod mill-vettura misjuqa minn Debono, kif *del resto* jindika l-istess skizz.

Illi fatt mhux ikkontestat huwa illi Mario Debono kien ser jaghmel manuvra li min-natura taghha tesigi grad gholi ta'

attenzjoni. Illi ebda sewwieq illi ikun bi hsiebu jattraversa triq principali u traffikuza bhalma hi Triq George Borg Olivier, ma jista' ikun jaf minn qabel minn liema naha u taht liema cirkostanzi tista' titfacclu vettura ohra. Illi ghalhekk il-grad ta' responsabbilita' tieghu kien wiehed gholi.

Illi inoltre ghalkemm hemm allegazzjoni da parti attrici illi l-mutur kien gej bi speed qawwi u li ma hax il-liwja, izda baqa' gej dritt ghal fuq il-vettura ta' Debono, ma jirrizultax jekk fil-fatt il-mutur invadiex il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Inoltre din il-verzjoni lanqas ma tista' titwemmen anke fid-dawl tal-hsarat rapportati fil-vettura u fil-mutur ghaliex ix-xhieda attrici jiddeskrivu l-incident qiesu kienet xi *head-on collision*, meta fil-fatt dan ma jirrizulta minn imkien. Kieku dan kien il-kas, il-konsegwenza ta'l-incident kienet tkun wahda ferm aktar gravi, iktar u iktar meta kif jallegaw ix-xhieda attrici, il-mutur kien gej bi speed eccessiv dritt ghal fuqhom. Fil-fatt fir-*road accident report*, jidher illi l-hsarat fil-vetturi gew ikklasifikati bhala “slight”.

Illi mill-iskizz maghmul mill-pulizija jidher car illi l-vettura misjuqa minn Mario Debono tinsab decisament wieqfa fuq il-karreggjata l-opposta tat-triq u cioe' kienet qieghda tinvadi il-karreggjata tal-konvenut, tant illi anke ix-xhieda prodotti kemm min-naha attrici kif ukoll min-naha tal-konvenut, isostnu illi wara il-habta setghu ighaddi facilment vetturi minn warajhom. Dana huwa indikattiv fih innifsu illi l-vettura ta' Debono kienet wieqfa fin-nofs u mhux fuq ix-xellug tat-triq fejn suppost kellha tkun wieqfa. Anzi mill-iskizz tal-pulizija jidher illi meta Debono ipposizzjona ruhu biex jesplora t-triq huwa sporga kemmxejn ‘il barra fuq il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta, u anke kien kemmxejn angolat, tant illi huwa seta' kien qieghed jostakola traffiku li kien gej mill-karreggjata l-opposta tat-triq.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 1998, fil-kawza fl-ismijiet Charles u Veronica

konjugi Attard vs Pierre Mangion, fejn id-dinamika ta’l-incident kienu xi ftit jew wisq simili ghal dak in dizamina, il-Qorti sostniet:
“M’hemmx dubbju illi l-attur ghamel sew meta waqaf biex jesplora t-triq qabel ma johrog fuq il-*main road*, billi dan huwa regolament bazilari tat-traffiku mill-izjed bazilari. Dak li ma jidhirx li kien prudenti, pero’ huwa l-fatt li biex jaqdi dan l-obbligu tant bzonnjuz ghac-cirkolazzjoni benordinata tat-traffiku, huwa nkorra fi ksur lampanti ta’ regolament iehor tat-traffiku daqstant iehor importanti u bazilari, li hadd m’ghandu jostakola lill-utenti tat-triq milli jittransitaw liberament u minghajr l-ebda xkiel.”

Illi fir-rigward ta’l-ispeed tal-konvenut, hemm konflitt ukoll fil-provi u dana ghaliex ghalkemm it-tezi attrici hija li huwa kien gej bi speed eccessiv u ma kisirx mal-liwja tat-triq, ix-xhieda prodotti mill-intervenut fil-kawza jindikaw illi l-konvenut kien fil-fatt irrallenta minhabba l-liwja li kien hemm fit-triq. Madankollu it-Tribunal, ihoss illi anke kieku stess il-mutur kien ghaddej b’sahhtu, ma giex ippruvat illi l-konvenut b’xi mod invada il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta.

Illi finalment anke il-hsarat rapportati kemm fil-vettura kif ukoll fil-mutur jindikaw illi l-vettura ta’ Debono intlaqtghet fil-ponta taghha in-naha tas-sewwieq indikazzjoni illi il-vettura kienet angolata lesta biex tittraversa t-triq. Min-naha tal-mutur dan intlaqat fuq in-naha ta’ wara tieghu u ghalhekk lehaq ghadda minn hdejn il-vettura u mhux kif issostni it-tezi attrici illi dan gie dritt ghal fuq il-vettura ghaliex altrimenti kien jintlaqat fuq in-naha ta’ quddiem tieghu.

Ghladaqstant fid-dawl tal-provi prodotti, it-Tribunal jikkonkludi illi is-socjeta attrici ma irnexxiliex tipprova it-talba taghha u cioe’ illi l-incident gara minhabba li l-konvenut kien negligenti, imprudenti u naqas li josserva xi regolament tat-traffiku u konsegwentement it-talba attrici ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjeta attrici nomine.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**